# Official Visitors

Il-Viżitaturi Uffiċjali huma maħtura skond il-proviżżjonijiet tan-NSW Mental Health Act (l-Att ta' NSW dwar is-Saħħa Mentali). Dawn il-Viżitaturi Uffiċjali huma indipendenti mill-amministrazzjoni ta' l-isptarijiet, servizzi tal-komunita` dwar is-saħħa mentali jew mid-Dipartiment tas-Saħħa. Dawn huma fid-dmir li jżuru l-isptarijiet ta' l-anqas darba fix-xahar u s-servizzi tal-komunita`dwar is-saħħa mentali (aġenziji ta' kura tas-saħħa) ta' l-anqas darba kull sitt xhur u jagħmlu rapport lill-Principal Official Visitor (Viżitatur Uffiċjali Prinċipali) u lill-Ministru tas-Saħħa. Il-Viżitaturi Uffiċjali jispezzjonaw l-isptarijiet u l-aġenziji ta' kura tas-saħħa u jagħmlu l-mistoqsijiet li jkunu jinħtieġu dwar il-kura u t-trattament tal-pazjenti.

Il-pazjenti kollha għandom id-dritt ta' aċċess għall-Viżitaturi Uffiċjali, u l-istaff jgħidulek meta tkun mistennija li ssir xi żjara u kif inti tista' tikkuntattja lil dawn in-nies. Jistgħu jsirulek arranġamenti għal użu mingħajr ħlas ta' interpreti jekk inti tistaqsi lill-istaff biex jagħmlulek appuntament.

Ir-raġuni għal ħatra ta' Viżitaturi Uffiċjali hi biex il-pazjenti jkunu jistgħu jiddiskutu affarijiet dwar il-kura tagħhom ma' nies li ma jagħmlux parti mill-isptar jew mill-aġenzija ta' kura tas-saħħa u li jkollhom aċċess għall-Ministru tas-Saħħa.

---

Official Visitors are appointed in accordance with the provisions of the NSW Mental Health Act. These Official Visitors are independent of the administration of hospitals, community mental health services or the Department of Health. They are required to visit hospitals at least once a month and community mental health services (health care agencies) at least once every six months and report to the Principal Official Visitor and Minister for Health. The Official Visitors inspect hospitals and health care agencies and enquire as necessary into the care and treatment of patients.

All patients have the right of access to the Official Visitors, and staff will tell you when a visit is expected and how you can contact these people. An interpreter can be arranged free of charge if you ask staff to make an appointment for you.

The reason for appointment of Official Visitors is so that patients can discuss matters about their treatment with people who are not part of the hospital or health care agency and who have access to the Minister for Health.